(1) Id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji [3], id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem [4] u r-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għal awtorizzazzjoni u sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini [5], jistabbilixxu regoli armonizzati għal awtorizzazzjoni, superviżjoni u viġilanza farmaċewtika ta' prodotti mediċinali fil-Komunità.

(2) Taħt dawk ir-regoli, l-awtorizzazzjonijiet tat-tqegħid fis-suq jistgħu jingħataw konformement ma' proċeduri Komunitarji armonizzati. It-termini ta' dawn l-awtorizzazzjonijiet tat-tqegħid fis-suq jistgħu sussegwentement ikunu varjati fejn, pereżempju, jinbidel il-proċess ta' produzzjoni jew l-indirizz tal-manifattur.

(3) L-Artikolu 39 tad-Direttiva 2001/83/KE u l-Artikolu 35 tad-Direttiva 2001/83/KE jagħtu s-setgħa lill-Kummissjoni li tadotta regolament ta' implimentazzjoni fir-rigward tal-varjazzjonijiet sussegwenti magħmulin lill-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq mogħtija konformement mad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 4 tat-Titolu III tad-Direttiva 2001/82/KE u tal-Kapitolu 4 tat-Titolu III tad-Direttiva 2001/83/KE, rispettivament. Il-Kummissjoni għalhekk adottat ir-Regolament (KE) Nru 1084/2003 tat-3 ta' Ġunju 2003 li jikkonċerna l-eżami tal-varjazzjonijiet tat-termini tal-awtorizzazzjoni tat-tqegħid fis-suq għal prodotti mediċinali għall-użu uman u prodotti mediċinali veterinarji mogħtija mill-awtorità kompetenti ta' Stat Membru [6].

(4) Madankollu, il-maġġoranza tal-prodotti mediċinali għal użu uman jew veterinarju attwalment fis-suq ġew awtorizzati taħt proċeduri purament nazzjonali u, għalhekk, ma jaqgħux fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 1084/2003. Varjazzjonijiet għal awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq mogħtija taħt proċeduri purament nazzjonali huma għalhekk suġġetti għal regoli nazzjonali.

(5) Konsegwentement, filwaqt li l-għoti tal-awtorizzazzjonijiet kollha għat-tqegħid fis-suq għal prodotti mediċinali hu suġġett għal regoli armonizzati fil-Komunità, dan mhux il-każ għal varjazzjonijiet fit-termini ta' awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq.

(6) Għal raġunijiet ta' saħħa pubblika u ta' konsistenza legali, u bil-ħsieb tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u tat-tisħiħ tal-prevedibbiltà għall-operaturi ekonomiċi, il-varjazzjonijiet għat-tipi kollha tal-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq għandhom ikunu suġġetti għal regoli armonizzati.

(7) Ir-regoli għal varjazzjonijiet adottati mill-Kummissjoni għandhom jagħtu attenzjoni partikulari għas-simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni għandha tipprovdi, meta tadotta dawn ir-regoli, għall-possibilità li titressaq applikazzjoni waħda għal bidla waħda jew iżjed li jkunu identiċi għal dawk magħmula lit-termini ta' għadd ta' awtorizzazzjonijiet għal tqegħid fis-suq.

(8) Konformement mal-punt 34 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-tfassil aħjar tal-liġijiet [7], l-Istati Membri huma mħeġġa jfasslu, għalihom stess u fl-interess tal-Komunità, it-tabelli tagħhom stess li juru, kemm jista' jkun, il-korrelazzjoni bejn din id-Direttiva u l-miżuri ta' traspożizzjoni, u biex jippubblikawhom.

(9) Id-Direttiva 2001/82/KE u d-Direttiva 2001/83/KE għalhekk daqstant għandhom jiġu emendati kif meħtieġ,

(1) ĠU C 27, 3.2.2009, p. 39.
(2) L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ottubru 2008 (għadha mhijiex ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Mejju 2009.
(3) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1.
(4) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67.
(5) ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.
(6) ĠU L 159, 27.6.2003, p. 1.
(7) ĠU C 321, 31.12.2003, p. 1.

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi għad-Direttiva 2001/82/KE**

Id-Direttiva 2001/82/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 27b*

Il-Kummissjoni għandha tadotta l-arranġamenti xierqa għall-eżami tal-varjazzjonijiet għat-termini ta' awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq mogħtija taħt din id-Direttiva.

Il-Kummissjoni għandha tadotta dawn l-arranġamenti fil-forma ta' regolament ta' implimentazzjoni. Dik il-miżura, maħsuba biex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 89(2a).";

(2) Fl-Artikolu 39(1), it-tieni u t-tielet subparagrafi għandhom jitħassru.

*Artikolu 2*

**Emendi għad-Direttiva 2001/83/KE**

Id-Direttiva 2001/83/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 23b*

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta arranġamenti xierqa għall-eżami tal-varjazzjonijiet għat-termini ta' awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq mogħtija taħt din id-Direttiva.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1 fil-forma ta' regolament ta' implimentazzjoni. Dik il-miżura, maħsuba biex temenda elementi mhux essenzjali ta' din id-Direttiva billi tissupplimentaha, għandha tiġi adottata skont il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 121(2a).

3. Meta tadotta l-arranġamenti msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tagħmel li tista' biex tagħmilha possibbli li tiġi ppreżentata applikazzjoni waħda għal bidla waħda jew iżjed li jkunu identiċi magħmulin lit-termini ta' għadd ta' awtorizzazzjonijiet għal tqegħid fis-suq.

4. Stat Membru jista' jkompli japplika d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar il-varjazzjonijiet nazzjonali applikabbli fiż-żmien tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' implimentazzjoni għall-awtorizzazzjonijiet għat-tqegħid fis-suq mogħti qabel l-1 ta' Jannar 1998 għal prodotti mediċinali awtorizzati biss f'dak l-Istat Membru. Meta prodott mediċinali suġġett għal dispożizzjonijiet nazzjonali konformement ma' dan l-Artikolu sussegwentement jingħata awtorizzazzjoni għal tqegħid fis-suq fi Stat Membru ieħor, ir-regolament ta' implimentazzjoni għandu japplika għal dak il-prodott mediċinali minn dik id-data.

5. Meta Stat Membru jiddeċiedi li jkompli japplika d-dispożizzjonijiet nazzjonali taħt il-paragrafu 4, huwa għandu jinforma b'dan lill-Kummissjoni. Jekk ma jkunx intbagħat avviż sal-20 ta' Jannar 2011, għandu japplika r-regolament ta' implimentazzjoni.";

(2) Fl-Artikolu 35(1), it-tieni u t-tielet subparagrafi għandhom jitħassru.

*Artikolu 3*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mil-20 ta' Jannar 2011. Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk il-miżuri, dawn għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew tali referenza għandha takkumpanjahom meta jiġu pubblikati uffiċjalment. Il-metodi kif issir tali referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 4*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 5*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ġunju 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | Š. FÜLE |

# DEĊIŻJONIJIET ADOTTATI B'MOD KONĠUNT MILL-PARLAMENT EWROPEW U MILL-KUNSILL

## DEĊIŻJONI Nru 568/2009/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

## tat-18 ta' Ġunju 2009

## li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE li tistabbilixxi Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-materji ċivili u kummerċjali

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, partikolarment l-Artikoli 61 (c) u (d) u 66, u t-tieni inċiż tal-Artikolu 67(5) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [1],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 251 tat-Trattat [2],

Billi:

(1) In-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam ċivili u kummerċjali bejn l-Istati Membri (in-Netwerk) ġie stabbilit permezz tad-Deċiżjoni 2001/470/KE [3] tal-Kunsill għaliex kien ikkunsidrat illi l-istabbiliment ta' żona ta' libertà, ta' sigurtà u ta' ġustizzja kien jirrikjedi titjib, semplifikazzjoni u tħaffif tal-kooperazzjoni ġudizzjarja effettiva bejn l-Istati Membri, kif ukoll l-aċċess effettiv għall-ġustizzja għal persuni involuti f'tilwim transkonfinali. Id-data tal-applikazzjoni ta' dik id-Deċiżjoni kienet l-1 ta' Diċembru 2002.

(2) Il-Programm tal-Aja dwar it-tisħiħ tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja fl-Unjoni Ewropea, adottat mill-Kunsill Ewropew fl-4 u l-5 ta' Novembru 2004 [4], isejjaħ sabiex isiru sforzi supplementari sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-ġustizzja u l-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili. B'mod partikolari, dan jenfasizza l-implimentazzjoni effettiva tal-atti adottati mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-qasam ċivili kif ukoll fuq il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-membri tal-professjonijiet legali bil-ħsieb li tiġi stabbilita prattika aħjar.

(3) Skont l-Artikolu 19 tad-Deċiżjoni 2001/470/KE, fis-16 ta' Mejju 2006 il-Kummissjoni ppreżentat rapport fuq il-ħidma tan-Netwerk. Dan ir-rapport ikkonkluda li, filwaqt li l-għanijiet iffissati fl-2001 ġeneralment intlaħqu, madankollu n-Netwerk kien għadu 'l bogħod milli jiżviluppa l-potenzjalitajiet tiegħu kollha.

(4) Sabiex ikun assigurat it-twettiq tal-għanijiet tal-Programm tal-Aja fil-qasam tat-tisħiħ tal-kooperazzjoni ġudizzjarja u ta' aċċess għall-ġustizzja u bi preparazzjoni għat-tkabbir prevedibbli tax-xogħolijiet tan-Netwerk fis-snin li ġejjin, in-Netwerk għandu jkollu qafas ġuridiku adattat aktar sabiex jiżdiedu l-mezzi ta' azzjoni tiegħu.

(5) Huwa indispensabbli li jintlaħqu kondizzjonijiet operattivi aqwa għan-Netwerk fl-Istati Membri permezz ta' punti ta' kuntatt nazzjonali u, b'hekk, li jissaħħaħ ir-rwol tal-punti ta' kuntatt kemm fil-qafas tan-Netwerk u kemm fir-rigward tal-imħallfin u tal-professjonijiet legali.

(6) Għal dan il-għan, l-Istati Membri għandhom jevalwaw ir-riżorsi li għandhom bżonn li jagħmlu disponibbli lill-punti ta' kuntatt sabiex ikunu jistgħu jwettqu bis-sħiħ id-dmirijiet tagħhom. Id-distribuzzjoni interna tal-kompetenzi fl-Istati Membri dwar il-finanzjament tal-attivitajiet tal-membri nazzjonali tan-Netwerk m'għandhomx ikunu affettwati minn din id-Deċiżjoni.

(7) Għall-istess għan, huwa neċessarju li jkun hemm punt ta' kuntatt jew punti ta' kuntatt f'kull Stat Membru li jkunu kapaċi jwettqu l-funzjonijiet assenjati lilhom. Jekk ikun hemm aktar minn punt ta' kuntatt wieħed, l-Istat Membru għandu jiżgura li jkun hemm koordinament effettiv bejniethom.

(8) Fil-futur, fil-każ li tintagħżel il-liġi ta' Stat Membru ieħor permezz ta' strument Komunitarju jew internazzjonali, il-punti tal-kuntatt tan-Netwerk għandhom jieħdu sehem fil-qasam tal-informazzjoni tal-awtoritajiet ġudizzjarji u barra mill-qorti fl-Istati Membri fuq il-kontenut tal-liġi barranija.

(9) It-trattament tat-talbiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja mill-punti tal-kuntatt għandu jsir b'ħeffa kompatibbli mal-għanijiet ġenerali mixtieqa mid-Deċiżjoni.

[1] L-Opinjoni mogħtija fit-3 ta' Diċembru 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
[2] L-Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-16 ta' Diċembru 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 2009.
[3] ĠU L 174, 27.6.2001, p. 25.
[4] ĠU C 53, 3.3.2005, p. 1.

(10) Għall-finijiet tal-kalkolu tal-limiti ta' żmien previsti f'din id-Deċiżjoni, għandu jiġi applikat ir-Regolament (KEE, Euratom) Nru 1182/71 tal-Kunsill tat-3 ta' Ġunju 1971 li jistabbilixxi r-regoli applikabbli għal perijodi, dati u limiti ta' żmien ([1]).

(11) L-iskop tar-reġistru elettroniku huwa li jipprovdi informazzjoni bil-ħsieb tal-valutazzjoni tal-prestazzjoni tan-Netwerk u tal-applikazzjoni prattika tal-istrumenti Komunitarji. Għalhekk, m'għandux jinkludi l-informazzjoni kollha skambjata bejn il-punti ta' kuntatt.

(12) L-assoċjazzjonijiet professjonali li jirrappreżentaw il-professjonisti legali, b'mod partikolari l-avukati, is-solicitors, il-barristers, in-nutara u l-marexxalli li huma involuti direttament fl-applikazzjoni tal-istrumenti Komunitarji u internazzjonali rigward il-ġustizzja ċivili jistgħu jsiru membri tan-Netwerk fuq il-bażi tal-organizzazzjonijiet nazzjonali tagħhom sabiex jikkontribwixxu, flimkien mal-punti ta' kuntatt, għal x'uħud mill-impenji u l-attivitajiet speċifiċi tan-Netwerk.

(13) Sabiex jiġu żviluppati l-missjonijiet tan-Netwerk fil-qasam tal-aċċess għall-ġustizzja, il-punti tal-kuntatt fl-Istati Membri għandhom jikkontribwixxu biex jipprovdu lill-pubbliku informazzjoni ġenerali, bl-użu tal-faċilitajiet teknoloġiċi l-iżjed adatti u billi jipprovdu, tal-anqas, fuq il-websajt tal-Ministeri tal-Ġustizzja tal-Istati Membri, link għall-websajt tan-Netwerk u għall-awtoritajiet responsabbli għall-applikazzjoni konkreta tal-istrumenti. Din id-Deċiżjoni ma għandhiex tkun interpretata bħala li qed timponi obbligu fuq l-Istati Membri sabiex jippermettu aċċess dirett lill-pubbliku għall-punti ta' kuntatt.

(14) Waqt l-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, għandu jittieħed kont tal-introduzzjoni gradwali tas-sistema tal-e-ġustizzja (e-justice) Ewropea li hija intenzjonata, b'mod partikolari, biex tiffaċilita l-kooperazzjoni ġudizzjarja u l-aċċess għall-ġustizzja.

(15) Sabiex tittejjeb il-kunfidenza reċiproka bejn l-imħallfin fl-Unjoni u s-sinerġiji bejn in-netwerks Ewropej li jipparteċipaw, in-Netwerk għandu jkun jista' jżomm ir-relazzjonijiet man-netwerks l-oħra Ewropej li jaqsmu l-istess għanijiet, partikolarment in-netwerks ta' istituzzjonijiet ġudizzjarji u tal-imħallfin.

(16) Sabiex jikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali, in-Netwerk għandu jiżviluppa kuntatti man-netwerks l-oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja madwar id-dinja, kif ukoll mal-organizzazzjonijiet internazzjonali li jippromwovu l-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali.

(17) Sabiex tippermetti monitoraġġ regolari tal-progress miksub fit-twettiq tal-għanijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE kif emendata b'din id-Deċiżjoni, jeħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport dwar l-attivitajiet tan-Netwerk lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew.

([1]) ĠU L 124, 8.6.1971, p. 1.

(18) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2001/470/KE għandha tiġi emendata skont dan.

(19) Peress li l-għan ta' din id-Deċiżjoni ma jistax jintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u għalhekk jista', minħabba l-iskala u l-effetti ta' din id-Deċiżjoni, jintlaħaq aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tieħu miżuri, skont il-prinċipju ta' sussidjarjetà stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif iddikjarat fl-imsemmi Artikolu tat-Trattat, din id-Deċiżjoni ma tmurx 'lil hinn minn dak li hu neċessarju biex jintlaħaq dak l-għan.

(20) Skont l-Artikolu 3 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, dawn l-Istati nnotifikaw ix-xewqa tagħhom li jipparteċipaw fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(21) Skont l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, dan l-Istat Membru m'hux ser jipparteċipa fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhux marbut minnha, jew suġġett għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Id-Deċiżjoni 2001/470/KE hija b'dan emendata kif ġej:

(1) L-Artikolu 2 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-punt (c) għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"(c) il-maġistrati tal-kooprazzjoni li għalihom tapplika l-Azzjoni Konġunta 96/277/JAI tat-22 ta' April 1996 li tirrigwarda qafas għall-iskambju tal-maġistrati tal-koperazzjoni sabiex tittejjeb il-koperazzjoni ġudizzjarja bejn l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea (*), meta dawn ikollhom responsabbiltajiet fil-kooperazzjoni ġudizzjarja ċivili u kummerċjali;

(*) ĠU L 105, 27.4.1996, p. 1.";

(ii) il-punt li ġej għandu jiġi miżjud:

"(e) l-assoċjazzjonijiet professjonali li fil-livell nazzjonali tal-Istati Membri jirrappreżentaw il-professjonisti legali li jipparteċipaw direttament fl-applikazzjoni tal-atti Komunitarji u tal-istrumenti internazzjonali relattivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali.";

(b) Fil-paragrafu 2, għandu jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Jekk il-punt tal-kuntatt maħtur bis-saħħa ta' dan il-paragrafu mhuwiex imħallef, l-Istat Membru konċernat għandu jaħseb għal komunikazzjoni effettiva mal-ġudikatura nazzjonali. Biex dan ikun iffaċilitat, Stat Membru jista' jaħtar imħallef biex jappoġġja din il-funzjoni. Dan l-imħallef għandu jkun membru tan-Netwerk.";

(c) Għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"2a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti ta' kuntatt ikollhom faċilitajiet suffiċjenti u adatti fir-rigward ta' persunal, riżorsi u mezzi moderni ta' komunikazzjoni sabiex iwettqu b'mod adegwat il-kompiti tagħhom ta' punti ta' kuntatt.";

(d) għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej:

"4a. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw l-assoċjazzjonijiet professjonali msemmija fil-punt (e) tal-paragrafu 1. Għal dan il-għan, għandhom jottjenu l-qbil tal-assoċjazzjonijiet professjonali kkonċernati dwar il-parteċipazzjoni tagħhom fin-Netwerk.

Fejn ikun hemm aktar minn assoċjazzjoni waħda li tirrappreżenta l-professjoni legali fi Stat Membru, ir-responsabbiltà taqa' fuq dak l-Istat Membru biex jipprovdi rappreżentanza adatta ta' dik il-professjoni fin-Netwerk.";

(e) Il-paragrafu 5 għandu jiġi emendat kif ġej:

(i) il-parti introduttorja għandu tiġi sostitwita bit-test li ġej:

"5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni, skont l-Artikolu 20, bl-ismijiet u l-indirizzi sħaħ tal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, billi jispeċifikaw:";

(ii) il-punt (c) għandu jiġi ssostitwit bit-test li ġej:

"(c) fejn adatt, il-funzjonijiet speċifiċi tagħhom fin-Netwerk, inkluż, fejn hemm aktar minn punt ta' kuntatt wieħed, ir-responsabbiltajiet speċifiċi tagħhom.";

(2) L-Artikolu 3 għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) Il-paragrafu 1 (b) għandu jiġi sostitwit mit-test li ġej:

"(b) jiġi faċilitat l-aċċess effettiv għall-ġustizzja, permezz ta' miżuri li jipprovdu informazzjoni dwar l-iffunzjonar tal-istrumenti Komunitarji u internazzjonali dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali.";

(b) Fil-paragrafu 2, il-punti (b) u (c) għandhom jiġu ssostitwiti bit-test li ġej:

"(b) l-applikazzjoni effettiva u prattika tal-istrumenti Komunitarji jew Konvenzjonijiet fis-seħħ bejn żewġ Stati Membri jew aktar.

B'mod partikolari, meta hija applikabbli l-liġi ta' Stat Membru ieħor, il-qrati jew l-awtoritajiet maħtura jistgħu jirrikorru għan-Netwerk sabiex jiksbu l-informazzjoni rigward il-kontenut ta' dik il-liġi;

(c) l-istabbiliment, iż-żamma u l-promozzjoni ta' sistema ta' informazzjoni għall-pubbliku dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-materji ċivili u kummerċjali fl-Unjoni Ewropea, dwar l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali rilevanti u l-liġi domestika tal-Istati Membri, b'referenza partikolari għall-aċċess għall-ġustizzja.

Is-sors ewlieni tal-informazzjoni għandu jkun il-websajt tan-Netwerk li fiha informazzjoni aġġornata bil-lingwi uffiċjali kollha tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni.";

(3) L-Artikolu 5, paragrafu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. B'mod partikolari, il-punti ta' kuntatt għandhom:

(a) jiżguraw li l-awtoritajiet ġudizzjarji lokali jirċievu informazzjoni ġenerali dwar l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali fir-rigward tal-koperazzjoni ġudizzjarja fil-materji ċivili u kummerċjali. B'mod partikolari, dawn għandhom jiżguraw li n-Netwerk, inkluża l-websajt tan-Netwerk, tkun magħrufa aħjar mill-awtoritajiet ġudizzjarji lokali;

(b) ifornu lill-punti tal-kuntatt l-oħra, lill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) minn (b) sa (d) u lill-awtoritajiet ġudizzjarji lokali fl-Istat Membru nnifsu bit-tagħrif kollu meħtieġ għall-koperazzjoni ġudizzjarja b'saħħitha bejn l-Istati Membri skont l-Artikolu 3, sabiex jassistihom fit-tħejjija tat-talbiet operabbli għall-koperazzjoni ġudizzjarja u sabiex jistabbilixxi l-iktar punti approprjati tal-kuntatt dirett;

(c) jipprovdu kull informazzjoni sabiex tkun faċilitata l-applikazzjoni tal-liġi ta' Stat Membru ieħor li tkun applikabbli skont att Komunitarju jew strument internazzjonali. Għalhekk, il-punt tal-kuntatt li tiġi ppreżentata tali talba quddiemu jista' jirrikorri għand l-awtoritajiet l-oħra tal-Istat Membru tiegħu msemmija fl-Artikolu 2 sabiex jissuplixxi l-informazzjoni mitluba. L-informazzjoni li tkuntinsab fit-tweġiba la torbot lill-punti tal-kuntatt, la lil dawn l-awtoritajiet u lanqas lill-awtorità li tkun ippreżentat it-talba;

(d) ifittxu s-soluzzjonijiet għad-diffikultajiet li jinħolqu fl-okkażjoni ta' talba għall-koperazzjoni ġudizzjarja, mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu u għall-Artikolu 6;

(e) jiffaċilitaw il-kordinament tal-ipproċessar tat-talbiet għal koperazzjoni ġudizzjarja fl-Istat Membru rilevanti, b'mod partikolari meta numru ta' talbiet mill-awtoritajiet ġudizzjarji f'dan l-Istat Membru jaslu sabiex jiġu mwettqa li Stat Membru ieħor;

(f) jikkontribwixxu għall-informazzjoni ġenerali tal-pubbliku, permezz tal-websajt tan-Netwerk, dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali fl-Unjoni Ewropea, dwar l-istrumenti Komunitarji u internazzjonali pertinenti u fuq il-liġi domestika tal-Istati Membri, partikolarment f'dak li jikkonċerna l-aċċess għall-ġustizzja;

(g) jikkollaboraw fl-organizzazzjoni tal-laqgħat riferiti fl-Artikolu 9 u jieħdu sehem fihom;

(h) jassistu fit-tħejjija u l-aġġornament tat-tagħrif imsemmi fit-Titoli III, u b'mod partkolari fis-sistema tat-tagħrif għall-pubbliku, skont ir-regoli stabbiliti f'dak it-Titolu;

(i) jiżguraw il-koordinament bejn il-membri tan-Netwerk fil-livell nazzjonali;

(j) jippreparaw rapport biannwali dwar l-attivitajiet tagħhom, inklużi, fejn xieraq, l-aqwa prattika fin-Netwerk, u jippreżentawh matul laqgħa tal-membri tan-Netwerk, u jiġbdu l-attenzjoni dwar titjib li jista' jsir fin-Netwerk.";

(4) Għandu jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

"*Artikolu 5a*

**Assoċjazzjonijiet professjonali**

1. Sabiex jikkontribwixxu għat-twettiq tal-kompiti previsti fl-Artikolu 3, il-punti ta' kuntatt għandu jkollhom kuntatti adatti mal-assoċjazzjonijiet professjonali msemmija fl-Artikolu 2(1)(e), skont ir-regoli li jridu jiġu determinati minn kull Stat Membru.

2. B'mod partikolari, il-kuntatti msemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu l-attivitajiet li ġejjin:

(a) l-iskambju ta' esperjenza u informazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni effettiva u prattika tal-istrumenti tal-Komunità u tal-istrumenti internazzjonali;

(b) il-kollaborazzjoni fil-preparazzjoni u l-aġġornament tal-folji ta' informazzjoni msemmija fl-Artikolu 15;

(c) il-parteċipazzjoni tal-assoċjazzjonijiet professjonali fil-laqgħat rilevanti.

3. L-assoċjazzjonijiet professjonali m'għandhomx jitolbu informazzjoni dwar każi individwali mingħand il-punti ta' kuntatt.";

(5) Fl-Artikolu 6, paragrafu 2, għandu jiġi miżjud is-subparagrafu li ġej:

"Għal dan il-għan, kull Stat Membru għandu jiżgura, skont il-modalitajiet li għandhom ikunu deċiżi minnu, li l-punt jew punti ta' kuntatt u l-awtoritajiet kompetenti jkollhom il-mezzi biex jiltaqgħu fuq bażi regolari.";

(6) Fl-Artikolu 7, il-paragrafu 1 għandu jiġi mibdul b'li ġej:

"Sabiex jiffaċilita l-ħidma prattika tan-Network, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jiżgura illi l-punti tal-kuntatt ikollhom għarfien adegwat ta' lingwa uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni minbarra dak tagħhom infushom, minħabba li jridu jkunu kapaċi jikkomunikaw mal-punti tal-kuntatt fi Stati Membri oħra."

(7) L-Artikolu 8 għandu jiġi sostitwit mit-test li ġej:

"*Artikolu 8*

**It-trattament tat-talbiet għall-kooperazzjoni ġudizzjarja**

1. Il-punti tal-kuntatt jirrispondu għat-talbiet kollha li jiġu ppreżentati lilhom mingħajr dewmien, u l-aktar tard fi żmien ħmistax-il jum wara li jiġu rċevuti. Jekk punt tal-kuntatt ma jkunx jista' jilqa' t-talba fi żmien dik l-iskadenza, dan għandu jinforma fil-qosor b'dan lill-persuna li tkun ressqet it-talba, b'indikazzjoni taż-żmien li hu jqis li jkun meħtieġ biex jirrispondiha iżda dan il-perjodu għandu, bħala regola, ma jaqbiżx it-30 jum.

2. Sabiex jirrispondu bl-aktar mod effiċjenti u rapidu possibbli għat-talbiet stipulati fil-paragrafu 1, il-punti tal-kuntatt għandhom jużaw il-mezzi tat-teknoloġija l-aktar adattati, li jitpoġġew għad-dispożizzjoni tagħhom mill-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni għandha żżomm reġistru elettroniku sigur u b'aċċess limitat tat-talbiet ta' kooperazzjoni ġudizzjarja u r-risposti stipulati fl-Artikolu 5(2) (b), (c), (d) u (e). Il-punti tal-kuntatt għandhom jiżguraw li l-informazzjoni meħtieġa għall-istabbiliment u għall-iffunzjonar ta' dan ir-reġistru tiġi kkomunikata regolarment lill-Kummissjoni.

4. Il-Kummissjoni tipprovdi lill-punti tal-kuntatt l-informazzjoni dwar l-istatistika tat-talbiet għall-kooperazzjoni ġudizzjarja u r-risposti stipulati fil-paragrafu 3 tal-anqas darba sitt xhur.";

(8) L-Artikolu 9 għandu jiġi mibdul b'dan li ġej:

"*Artikolu 9*

**Laqgħat tal-punti ta' kuntatt**

1. Il-punti ta' kuntatt tan-Netwerk għandhom jiltaqgħu tal-inqas darba kull xitt xhur, skont l-Artikolu 12.

2. Kull Stat Membru għandu jkun rappreżentat f'dawn il-laqgħat minn punt ta' kuntatt wieħed jew aktar, li jistgħu jkunu akkumpanjati minn membri oħra tan-Netwerk, imma ma għandux ikun hemm iktar minn sitt rappreżentanti għal kull Stat Membru.";

(9) L-Artikolu li ġej għandu jiġi miżjud:

"*Artikolu 11a*

**Il-parteċipazzjoni ta' osservaturi fil-laqgħat tan-Netwerk**

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2 tal-Artikolu 1, id-Danimarka tista' tibgħat rappreżentanti għal-laqgħat imsemmija fl-Artikoli 9 u 11.

2. Il-pajjiżi tal-adeżjoni u l-pajjiżi kandidati jistgħu jissejħu biex jipparteċipaw f'dawn il-laqgħat bħala osservaturi. L-Istati terzi li huma partijiet għal ftehimiet internazzjonali dwar il-koperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali konklużi mill-Komunità jistgħu jiġu mistiedna jassistu wkoll bħala osservaturi f'ċerti laqgħat tan-Netwerk.

3. Kull Stat osservatur jista' jkun irrappreżentat f'dawn il-laqgħat minn waħda jew iktar persuni, mingħajr ma jeċċedi fl-ebda ċirkostanza l-limitu ta' tliet rappreżentanti għal kull Stat.";

(10) L-Artikolu li ġej għandu jiġi miżjud fl-aħħar tat-Titolu II:

"*Artikolu 12a*

**I-relazzjonijiet man-netwerks l-oħra u l-organizzazzjonijiet internazzjonali**

1. In-Netwerk għandu jżomm relazzjonijiet u jaqsam l-esperjenza u l-aqwa prattika man-netwerks Ewropej l-oħra li jaqsmu l-istess għanijiet, bħan-Netwerk Ġudizzjarju Ewropew fil-qasam penali. In-Netwerk għandu jżomm ukoll relazzjonijiet man-Netwerk Ewropew ta' Taħriġ tal-Imħallfin bil-ħsieb tal-promozzjoni, fejn opportun, u mingħajr preġudizzju għall-prattiki nazzjonali, ta' sessjonijiet ta' taħriġ dwar il-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-materji ċivili u kummerċjali għall-benefiċċju tal-awtoritajiet ġudizzjarji lokali tal-Istati Membri.

2. In-Netwerk għandu jkollu relazzjonijiet man-Netwerk taċ-Ċentri Ewropej tal-Konsumaturi (ECC-Net). Partikolarment, sabiex tiġi pprovduta kull informazzjoni ġenerali dwar l-iffunzjonar ta' strumenti Komunitarji u internazzjonali sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess tal-konsumaturi għall-ġustizzja, il-punti tal-kuntatt tan-Netwerk għandhom ikunu għad-dispożizzjoni tal-membri tal-ECC-Net.

3. Sabiex jilħaq ir-responsabbilitajiet tiegħu stipulati fl-Artikolu 3 dwar l-istrumenti internazzjonali relatati mal-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali, in-Netwerk għandu jżomm il-kuntatti u l-iskambji ta' esperjenzi man-netwerks l-oħra ta' kooperazzjoni ġudizzjarja stabbiliti bejn l-Istati terzi u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali li jippromwovu l-kooperazzjoni ġudizzjarja internazzjonali.

4. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Preżidenza tal-Kunsill u l-Istati Membri, hija responsabbli mill-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.";

(11) L-intestatura tat-Titolu III għandha tiġi sostitwita mit-test li ġej:

"TITOLU III

**INFORMAZZJONI DISPONIBBLI FI ĦDAN IN-NETWERK U INFORMAZZJONI PROVDUTA LILL-PUBBLIKU**";

(12) Fl-Artikolu 13, paragrafu 1, il-punt li ġej għandu jiġi miżjud:

"(c) l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8.";

(13) L-Artikolu li ġej għandu jiġi miżjud:

"*Artikolu 13 a*

**L-għoti ta' informazzjoni ġenerali lill-pubbliku**

In-Netwerk għandu jikkontribwixxi għall-għoti ta' informazzjoni ġenerali lill-pubbliku, permezz tal-mezzi teknoloġiċi l-aktar xierqa sabiex dan jingħata informazzjoni dwar il-kontenut u t-tħaddim tal-istrumenti Komunitarji jew internazzjonali relattivi għall-kooperazzjoni ġudizzjarja fil-qasam ċivili u kummerċjali.

Għal dak il-għan, u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18, il-punti ta' kuntatt għandhom jippromwovu lill-pubbliku s-sistema tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 14.";

(14) Fl-Artikolu 17(4), punt (b) għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

"(b) jieħu ħsieb li jkun hemm it-traduzzjonijiet fil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni, tal-informazzjoni dwar l-aspetti pertinenti tal-liġi u tal-proċeduri Komunitarji, inkluż tal-ġurisprudenza Komunitarja, kif ukoll ta' paġni ġenerali tas-sistema ta' informazzjoni u d-dokumenti ta' informazzjoni stipulati fl-Artikolu 15, u jagħmilha aċċessibbli fuq il-websajt tiegħu tan-Netwerk.";

(15) Fl-Artikolu 18, punt 4, il-kelma "progressivament" għandha titħassar;

(16) L-Artikolu 19 għandu jiġi sostitwit bit-test li ġej:

*"L-Artikolu 19*

**Rappurtar**

Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2014 u wara kull tliet snin, il-Kummissjoni għandha tippreżenta lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew rapport relattiv għall-attivitajiet tan-Netwerk. Dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat, jekk ikun il-każ, minn proposti bil-ħsieb li jadattaw din id-Deċiżjoni u għandu jinkludi informazzjoni dwar l-attivitajiet tan-Netwerk immirata biex isir progress fid-disinn, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-e-ġustizzja Ewropea, partikolarment mil-lat tal-iffaċilitar tal-aċċess għall-ġustizzja.";

(17) L-Artikolu 20 għandu jiġi sostitwit mit-test li ġej:

*"Artikolu 20*

**Notifika**

Sa mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2010, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 2(5),.".

*L-Artikolu 2*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Hija għandha tibda tapplika mill-1 ta' Jannar 2011 ħlief għall-punti (1)(e) u (17) tal-Artikolu 1 li għandhom jibdew japplikaw mid-data tan-notifika ta' din id-Deċiżjoni lill-Istati Membri li huma destinatarji tagħha.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri skont it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Ġunju 2009.

| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| --- | --- |
| *Il-President* | *Il-President* |
| H.-G. PÖTTERING | Š. FÜLE |

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-PARLAMENT EWROPEW

# IL-KUNSILL

# IL-KUMMISSJONI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

# IL-QORTI TAL-AWDITURI

# IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

# IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

## DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW, TAL-KUNSILL, TAL-KUMMISSJONI, TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA, TAL-QORTI TAL-AWDITURI, TAL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U TAL-KUMITAT TAR-REĠJUNI

**tas-26 ta' Ġunju 2009**

**dwar l-organizzazzjoni u l-funzjonament tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**

(2009/496/KE, Euratom)

IL-PARLAMENT EWROPEW,

IL-KUNSILL,

IL-KUMMISSJONI,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA,

IL-QORTI TAL-AWDITURI,

IL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW,

IL-KUMITAT TAR-REĠJUNI,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tat-8 ta' April 1965 dwar l-istabbiliment provviżorju ta' ċerti istituzzjonijiet u servizzi tal-Komunitajiet [1] ipprovda għal uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej (minn hawn 'il quddiem "l-Uffiċċju") li għandu jkun jinsab fil-Lussemburgu. Din id-dispożizzjoni ġiet implimentata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2000/459/KE, KEFA, Euratom [2].

(1) ĠU 152, 13.7.1967, p. 18.
(2) ĠU L 183, 22.7.2000, p. 12.

(2) Ir-regoli u r-regolamenti applikabbli għall-uffiċjali u ħaddiema oħra tal-Komunitajiet Ewropej japplikaw għall-Uffiċċju. Għandhom jitqiesu l-emendi riċenti għal dawk ir-Regoli u regolamenti.

(3) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]) (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju") fih dispożizzjonijiet speċifiċi dwar il-funzjonament tal-Uffiċċju.

(4) Qed iseħħu avvanzi teknoloġiċi kbar fil-pubblikazzjoni u dawn jeħtieġ li jiġu kkunsidrati fil-mod kif jaħdem l-Uffiċċju.

(5) Għall-finijiet taċ-ċarezza, huwa xieraq li titħassar id-Deċiżjoni 2000/459/KE, KEFA u li din tinbidel b'din id-Deċiżjoni,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

## L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

1. Il-kompitu tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem "l-Uffiċċju"), li huwa uffiċċju interistituzzjonali, għandu jkun li jippubblika l-pubblikazzjonijiet tal-istituzzjonijiet tal-Komunitajiet Ewropej u tal-Unjoni Ewropea fl-aħjar kundizzjonijiet possibbli.

Għal dan il-għan, l-Uffiċċju għandu, minn naħa waħda, jippermetti lill-istituzzjonijiet li jissodisfaw l-obbligi tagħhom li jippubblikaw it-testi leġiżlattivi u, min-naħa l-oħra, jikkontribwixxi għall-formulazzjoni teknika u għall-implimentazzjoni tal-linji politiċi tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fl-oqsma tal-kompetenza tiegħu.

2. L-Uffiċċju għandu jkun ġestit mid-Direttur tiegħu skont il-linji gwida strateġiċi ffissati minn kumitat ta' tmexxija. Minbarra d-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni li huma speċifiċi għar-rwol interistituzzjonali tal-Uffiċċju, l-Uffiċċju għandu japplika l-proċeduri amministrattivi u finanzjarji tal-Kummissjoni. Fl-istabbiliment ta' dawn il-proċeduri, il-Kummissjoni għandha tieħu in kunsiderazzjoni n-natura speċifika tal-Uffiċċju.

*Artikolu 2*

## Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni, għandom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

1. "il-pubblikazzjoni" tfisser, kwalunkwe azzjoni meħtieġa għad-disinn, il-verifika, l-allokazzjoni tan-numri standard internazzjonali u/jew in-numri tal-ikkatalogar, il-produzzjoni, l-ikkatalogar, l-indiċjar, id-distribuzzjoni, il-promozzjoni, il-bejgħ, il-ħażna u l-arkivjar tal-pubblikazzjonijiet, f'kull forma jew sura u b'kull mezz, preżenti jew futur;

2. "pubblikazzjonijiet" tfisser, it-testi kollha, pubblikati fuq kwalunkwe mezz u fi kwalunkwe format li jkollhom numru standard internazzjonali u/jew numru tal-ikkatalogar;

3. "pubblikazzjonijiet obbligatorji" tfisser, il-pubblikazzjonijiet pubblikati skont it-Trattati jew testi leġiżlattivi oħra;

4. "pubblikazzjonijiet mhux obbligatorji" tfisser, kwalunkwe pubblikazzjoni pubblikata fil-qafas tal-prerogattivi ta' kwalunkwe istituzzjoni;

5. "il-ġestjoni tad-drittijiet tal-awtur" tfisser li s-servizzi tal-awtur iżommu d-drittijiet tal-awtur jew id-dritt ta' użu mill-ġdid u jinkludi l-ġestjoni ta' dawk id-drittijiet mill-Uffiċċju għall-pubblikazzjonijiet li l-pubblikazzjoni tagħhom hija fdata lill-Uffiċċju;

6. "dħul nett mill-bejgħ" tfisser is-somma totali tal-fatturati, imnaqqsa bl-iskonti kummerċjali mogħtija u bl-ispejjeż tal-ġestjoni, spejjeż tal-ġbir u spejjeż bankarji;

7. "istituzzjonijiet", tfisser l-istituzzjonijiet, l-entitajiet, l-uffiċċji u l-aġenziji stabbiliti minn jew taħt it-Trattati.

*Artikolu 3*

## Ambitu tal-Kompetenzi tal-Uffiċċju

1. L-Uffiċċju għandu jkollu kompetenza għal dan li ġej:

(a) il-pubblikazzjoni ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (minn hawn 'il quddiem "Ġurnal Uffiċjali") u l-garanzija tal-awtentiċità tiegħu;

(b) il-pubblikazzjoni ta' pubblikazzjonijiet obbligatorji oħra;

(c) il-pubblikazzjoni jew il-kopubblikazzjoni ta' pubblikazzjonijiet mhux obbligatorji fdati lill-Uffiċċju fil-qafas tal-prerogattivi ta' kull istituzzjoni, partikolarment fil-kuntest tal-attivitajiet ta' komunikazzjoni tal-istituzzjonijiet;

(d) il-pubblikazzjoni jew il-kopubblikazzjoni fuq l-inizjattiva tiegħu, inklużi pubblikazzjonijiet intiżi għall-promozzjoni tas-servizzi tiegħu stess; f'dan il-kuntest, l-Uffiċċju jista' jikseb traduzzjonijiet permezz ta' kuntratt ta' servizz;

(e) l-iżvilupp, iż-żamma u l-aġġornament tas-servizzi ta' pubblikazzjoni elettronika għall-pubbliku;

(f) id-disponibbiltà għall-pubbliku tal-leġiżlazzjoni kollha u testi uffiċjali oħra;

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

(g) il-preżervazzjoni tal-pubblikazzjonijiet kollha tal-istituzzjonijiet u t-tqegħid tagħhom għad-dispożizzjoni għall-pubbliku f'forma elettronika;

(h) l-allokazzjoni ta' numri standard internazzjonali u/jew numri tal-ikkatalogar għall-pubblikazzjonijiet tal-istituzzjonijiet;

(i) il-ġestjoni tad-drittjiet ta' riproduzzjoni u tat-traduzzjoni tal-pubblikazzjonijiet tal-istituzzjonijiet;

(j) il-promozzjoni u l-bejgħ tal-pubblikazzjonijiet u tas-servizzi li joffri lill-pubbliku.

2. L-Uffiċċju għandu jipprovdi parir u assistenza lill-istituzzjonijiet dwar dan li ġej:

(a) il-programmazzjoni u l-ippjanar tal-programmi tagħhom ta' pubblikazzjoni;

(b) l-implimentazzjoni tal-proġetti ta' publikazzjoni tagħhom, ikun x'ikun il-mezz tal-pubblikazzjoni;

(c) il-forniment tal-arranġament tal-paġni u d-disinn tal-proġetti ta' pubblikazzjoni tagħhom;

(d) il-forniment ta' informazzjoni dwar ix-xejriet tas-suq tal-pubblikazzjonijiet fl-Istati Membri u dwar is-suġġetti li x'aktarx ikollhom l-akbar udjenza;

(e) l-iffissar ta' kemm pubblikazzjonijiet għandhom jiġu stampati u l-istabbiliment ta' pjani ta' distribuzzjoni;

(f) l-iffissar tal-prezz u l-bejgħ tal-pubblikazzjonijiet;

(g) il-promozzjoni, id-distribuzzjoni u l-evalwazzjoni tal-pubblikazzjonijiet tagħhom, kemm jekk bla ħlas u kemm jekk għall-bejgħ;

(h) l-analiżi, l-evalwazzjoni u l-kostruzzjoni ta' siti u servizzi tal-Internet għall-pubbliku;

(i) it-tfassil ta' kuntratti qafas għal attivitajiet ta' pubblikazzjoni;

(j) il-forniment ta' superviżjoni teknoliġika tas-sistemi ta' pubblikazzjoni.

*Artikolu 4*

**Responsabbiltajiet tal-istituzzjonijiet**

1. Kull istituzzjoni għandha jkollha l-kompetenza esklussiva sabiex tieħu d-deċiżjonijiet dwar il-pubblikazzjoni tal-pubblikazzjonijiet tagħha.

2. L-istituzzjonijiet għandhom jużaw is-servizzi tal-Uffiċċju għall-pubblikazzjoni tal-pubblikazzjonijiet obbligatorji tagħhom.

3. L-istituzzjonijiet jistgħu jippubblikaw il-pubblikazzjonijiet mhux obbligatorji tagħhom mingħajr l-involviment tal-Uffiċċju. F'dan il-każ, huma għandhom jitolbu lill-Uffiċċju n-numri standard internazzjonali u/jew in-numri tal-ikkatalogar u jagħtu lill-Uffiċċju verżjoni elettronika tal-pubblikazzjoni, ikun x'ikun il-format tagħha, kif ukoll żewġ kopji fuq karta tal-pubblikazzjoni fejn xieraq.

4. L-istituzzjonijiet għandhom jintrabtu li jiggarantixxu żżamma tad-drittijiet ta' riproduzzjoni, ta' traduzzjoni u ta' distribuzzjoni tal-elementi kostitwenti kollha ta' pubblikazzjoni.

5. L-istituzzjonijiet għandhom jintrabtu li jistabbilixxu pjan ta' distribuzzjoni, approvat mill-Uffiċċju, għall-pubblikazzjonijiet tagħhom.

6. L-istituzzjonijiet jistgħu jikkonkludu ftehim ta' servizz mal-Uffiċċju sabiex jiddefinixxu l-metodi ta' kooperazzjoni tagħhom.

*Artikolu 5*

**Kompiti tal-Uffiċċju**

1. Il-kompiti mwettqa mill-Uffiċċju għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) il-kollazzjoni ta' dokumenti għal pubblikazzjoni;

(b) it-tħejjija, id-disinn grafiku, il-korrezzjoni, l-arranġament tal-paġni u l-verifika tat-testi u elementi oħra, ikun x'ikun il-format jew il-mezz, skont l-istruzzjonijiet mogħtija mill-istituzjonijiet u filwaqt li jiġu applikati r-rekwiżiti ta' preżentazzjoni tipografika u lingwistika stabbiliti f'kollaborazzjoni mal-istituzzjonijiet;

(c) l-indiċjar u l-ikkatalogar tal-pubblikazzjonijiet;

(d) l-analiżi dokumentarja tat-testi pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali u fit-testi uffiċjali l-oħra;

(e) il-konsolidazzjoni tal-leġiżlazzjoni;

(f) il-ġestjoni, l-iżvilupp, l-aġġornament u d-distribuzzjoni tat-teżawru multilingwi Eurovoc;

(g) l-organizzazzjoni tal-istampar mill-fornituri ta' servizzi tiegħu;

(h) il-monitoraġġ tal-eżekuzzjoni tax-xogħol;

(i) il-kontroll tal-kwalità;

(j) l-aċċettazzjoni fir-rigward tal-kwalità u l-kwantità;

(k) id-distribuzzjoni fiżika u elettronika tal-Ġurnal Uffiċjali, tat-testi uffiċjali minbarra dawk pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali u ta' pubblikazzjonijiet oħra mhux obbligatorji;

(l) il-ħżin;

(m) l-arkivjar fiżiku u elettroniku;

(n) l-istampar mill-ġdid tal-pubblikazzjonijiet li jkunu spiċċaw u l-istampar fuq talba;

(o) il-ħolqien ta' katalgu konsolidat tal-pubblikazzjonijiet tal-istituzzjonijiet;

(p) il-bejgħ, inkluż il-ħruġ ta' fatturi, il-ġbir u t-trasferiment tad-dħul, u l-ġestjoni tal-pretensjonijiet;

(q) il-promozzjoni;

(r) il-ħolqien, ix-xiri, il-ġestjoni, l-aġġornament, il-monitoraġġ u s-superviżjoni tal-listi tal-indirizzi tal-istituzjonijiet u l-ħolqien ta' listi ta' indirizzi mmirati.

2. Fil-qafas tas-setgħat proprji tiegħu jew fuq il-bażi tad-delega tas-setgħat ta' uffiċċjal ta' awtorizzazzjoni mill-istituzzjonijiet, l-Uffiċċju għandu jkun responsabbli minn:

(a) l-akkwist pubbliku, inkluż it-teħid ta' impenji li jorbtu legalment;

(b) il-kontroll finanzjarju ta' kuntratti ma' fornituri;

(c) il-ħlas tal-ispejjeż, inkluża l-aċċettazzjoni fir-rigward tal-kwalità u l-kwantità, espressa bl-iffirmar ta' awtorizzazzjoni għall-ħlas;

(d) l-awtorizzazzjoni tal-ispejjeż;

(e) l-operazzjonijiet ta' dħul.

*Artikolu 6*

**Kumitat tal-Ġestjoni**

1. Għandu jiġi stabbilit Kumitat tal-Ġestjoni li fi ħdanu għandhom ikunu rappreżentati l-istituzzjonijiet firmatarji. Il-Kumitat tal-Ġestjoni għandu jkun magħmul mir-Reġistratur tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill u s-Segretarji Ġenerali tal-istituzzjonijiet l-oħra jew ir-rappreżentanti tagħhom. Il-Bank Ċentral Ewropew għandu jieħu sehem fix-xogħol tal-Kumitat tal-Ġestjoni bħala osservatur.

2. Il-Kumitat tal-Ġestjoni għandu jaħtar President, li għandu jintgħażel minn fost il-membri tiegħu għal perjodu ta' sentejn.

3. Il-Kumitat tal-Ġestjoni għandu jiltaqa' mhux inqas minn erba' darbiet fis-sena fuq l-inizjattiva tal-President tiegħu jew fuq talba ta' xi istituzzjoni.

4. Il-Kumitat tal-Ġestjoni għandu jadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu, li għandhom jiġu pubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali.

5. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat tal-Ġestjoni għandhom jittieħdu b'maġġoranza sempliċi, ħlief fejn ikun stipulat mod ieħor.

6. Kull istituzzjoni firmatarja ta' din id-Deċiżjoni għandha jkollha vot wieħed fi ħdan il-Kumitat tal-Ġestjoni.

*Artikolu 7*

**Kompiti u responsabbiltajiet tal-Kumitat tal-Ġestjoni**

1. B'deroga mill-Artikolu 6, il-Kumitat tal-Ġestjoni għandu, b'deċiżjoni unanima, fl-interess komuni tal-istituzzjonijiet u fl-ambitu tal-kompetenza tal-Uffiċċju, jadotta dawn id-deċiżjonijiet:

(a) abbażi ta' proposta mid-Direttur, għandu jadotta l-għanijiet strateġiċi tal-Uffiċċju u r-regoli tal-funzjonament tal-Uffiċċju;

(b) għandu jiffissal-linji gwida tal-linji politiċi ġenerali tal-Uffiċċju, partikolarment fir-rigward tal-bejgħ, id-distribuzzjoni u l-pubblikazzjoni, u għandu jiżgura li l-Uffiċċju jikkontribwixxi għall-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' linji politiċi tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza tiegħu;

(c) abbażi ta' abbozz imħejji mid-Direttur tal-Uffiċċju, għandu jadotta rapport ta' ġestjoni annwali lill-istituzzjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-istrateġija u s-servizzi mogħtija mill-Uffiċċju; sal-1 ta' Mejju ta' kull sena għandu jibgħat ir-rapport tiegħu fuq is-sena finanzjarja li tkun għandha kif intemmet lill-istituzzjonijiet;

(d) għandu japprova l-estimi tad-dħul u l-infiq tal-Uffiċċju taħt il-proċedura tal-baġit għall-baġit amministrattiv tal-Uffiċċju;

(e) għandu japprova l-kriterji li fuqhom l-Uffiċċju jmexxi l-kontabilità tal-ispejjeż tiegħu, li d-Direttur tal-Uffiċċju għandu jadotta;

(f) għandu jressaq quddiem l-istituzzjonijiet kwalunkwe suġġeriment li jista' jtejjeb il-funzjonament bla xkiel tal-Uffiċċju.

2. Il-Kumitat tal-Ġestjoni għandu jieħu in kunsiderazzjoni l-linji gwida maħluqa mill-entitajiet interistituzzjonali fl-oqsma tal-komunikazzjoni u l-informazzjoni stabbiliti għal dan il-għan. Il-President tal-Kumitat tal-Ġestjoni għandu jikkomunika ma' dawn l-entitajiet kull sena.

3. Il-persuna ta' kuntatt bl-awtorità ta' kwittanza għal deċiżjonijiet strateġiċi fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza tal-Uffiċċju għandha tkun il-President tal-Kumitat tal-Ġestjoni fil-kapaċità tiegħu ta' rappreżentant tal-kooperazzjoni interistituzzjonali.

4. Il-President tal-Kumitat tal-Ġestjoni u d-direttur tal-Uffiċċju bi ftehim komuni għandhom jistabbilixxu r-regoli tal-informazzjoni reċiproka u tal-komunikazzjoni sabiex jifformalizzaw ir-relazzjonijiet tagħhom. Dan il-ftehim għandu jintbgħat lill-membri tal-Kumitat tal-Ġestjoni għall-informazzjoni.

*Artikolu 8*

**Direttur tal-Uffiċċju**

Id-Direttur tal-Uffiċċju għandu jkun responsabbli għat-tmexxija bla xkiel tal-Uffiċċju, waqt li jaġixxi taħt l-awtorità tal-Kumitat tal-Ġestjoni u fil-limiti tal-ambitu tal-kompetenzi tiegħu. Għall-applikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u finanzjarji huwa għandu jaġixxi taħt l-awtorità tal-Kummissjoni.

*Artikolu 9*

**Kompiti u responsabbiltajiet tad-Direttur tal-Uffiċċju**

1. Id-Direttur tal-Uffiċċju għandu jipprovdi s-segretarjat għall-Kumitat tal-Ġestjoni u għandu jippreżenta rapporti kull tliet xhur lill-Kumitat tal-Ġestjoni dwar il-qadi ta' dmirijietu.

2. Id-Direttur tal-Uffiċċju għandu jippreżenta lill-Kumitat tal-Ġestjoni kwalunkwe proposta għat-titjib tal-funzjonament tal-Uffiċċju.

3. Id-Direttur tal-Uffiċċju għandu jiffissa t-tipi ta' servizzi li l-Uffiċċju jista' jagħti bi ħlas lill-istituzzjonijiet u t-tariffi għalihom, wara konsultazzjoni għal opinjoni mill-Kumitat tal-Ġestjoni.

4. Id-Direttur tal-Uffiċċju għandu, wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Kumitat tal-Ġestjoni, jiddetermina l-kriterji li fuqhom l-uffiċċju għandu jmexxi l-kontabilità tal-ispejjeż tiegħu. Huwa għandu jiddefinixxi l-proċeduri għal kooperazzjoni fil-kontabilità bejn l-Uffiċċju u l-istituzzjonijiet bi qbil mal-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni.

5. Id-Direttur tal-Uffiċċju għandu jistabbilixxi l-estimi tad-dħul u l-infiq tal-Uffiċċju taħt il-proċedura tal-baġit għall-baġit amministrattiv tal-Uffiċċju. Wara l-approvazzjoni mill-Kumitat tal-Ġestjoni, dawn il-proposti għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni.

6. Id-Direttur tal-Uffiċċju għandu jiddeċiedi jekk, u skont liema proċeduri, il-pubblikazzjonijiet minn terzi jistgħu jiġu pubblikati.

7. Id-Direttur tal-Uffiċċju għandu jipparteċipa fl-attivitajiet interistituzzjonali dwar l-informazzjoni u l-komunikazzjoni fi ħdan l-oqsma ta' kompetenza tal-Uffiċċju.

8. Fir-rigward tal-pubblikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u d-dokumenti uffiċjali relatati mal-proċedura leġiżlattiva, inkluż il-Ġurnal Uffiċjali, id-Direttur tal-Uffiċċju għandu:

(a) jiżgura li l-awtoritajiet kompetenti f'kull istituzzjoni jieħdu d-deċiżjonijiet bażiċi li għandhom jiġu applikati b'mod konġunt;

(b) iressaq proposti sabiex titjieb l-istruttura u l-preżentazzjoni tal-Ġurnal Uffiċjali u t-testi leġiżlattivi uffiċjali;

(c) iressaq proposti lill-istituzzjonijiet għall-armonizzazzjoni tal-presentazzjoni tat-testi għall-pubblikazzjoni;

(d) jeżamina d-diffikultajiet li jiltaqa' magħhom waqt l-operazzjonijiet ta' kuljum, jagħmel abbozz fil-kuntest tal-uffiċċju, tal-istruzzjonijiet meħtieġa, u jissuġġerixxi lill-istituzzjonijiet rakkomandazzjonijiet xierqa sabiex jingħelbu dawn id-diffikultajiet.

9. Id-Direttur tal-Uffiċċju għandu, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju, iħejji rapport ta' attività annwali li jkopri l-ġestjoni tal-fondi assenjati mill-Kummissjoni u istituzzjonijiet oħra taħt ir-Regolament Finanzjarju. Dan ir-rapport għandu jkun indirizzat lill-Kummissjoni u lill-istituzzjonijiet ikkonċernati u, għall-informazzjoni, lill-Kumitat tal-Ġestjoni.

10. Għall-finijiet ta' assenjazzjoni tal-fondi tal-Kummissjoni u ta' implimentazzjoni tal-baġit, il-proċeduri ta' informazzjoni u ta' konsultazzjoni bejn il-Membru tal-Kummissjoni responsabbli mir-relazzjonijiet mal-Uffiċċju u d-Direttur tal-Uffiċċju għandhom jiġu stabbiliti bi ftehim komuni.

11. Id-Direttur tal-Uffiċċju għandu jkun responsabbli mill-implimentazzjoni tal-għanijiet strateġiċi adottati mill-Kumitat tal-Ġestjoni u mill-ġestjoni tajba tal-Uffiċċju u tal-attivitajiet tiegħu kif ukoll mill-ġestjoni tal-baġit tiegħu.

12. F'każ ta' assenza jew ta' nuqqas ta' disponibbiltà tad-Direttur, għandhom japplikaw ir-regoli ta' deputazzjoni fuq il-bażi tal-grad u l-anzjanità ħlief jekk il-Kumitat tal-Ġestjoni, fuq proposta tal-President tiegħu jew tad-Direttur tal-Uffiċċju, jiddeċiedi fuq ordni differenti.

13. Id-Direttur tal-Uffiċċju għandu jinforma lill-istituzzjonijiet dwar l-ippjanar u l-użu tar-riżorsi u l-progress tax-xogħol f'rapport kull tliet xhur.

*Artikolu 10*

**Persunal**

1. Il-Kummissjoni, wara li tikseb l-approvazzjoni unanima tal-Kumitat tal-Ġestjoni, għandha taħtar Direttur Ġenerali u Direttur. Ir-regoli tal-Kummissjoni dwar il-mobbiltà u l-evalwazzjoni tal-livelli superjuri tat-tmexxija għandhom japplikaw għad-Direttur Ġenerali u d-Diretturi (gradi AD 16/AD 15/AD 14). Meta tkun qed toqrob l-iskadenza tal-mobbiltà normalment prevista fir-regoli relevanti għal xi uffiċjal li jkun jokkupa tali post, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kumitat tal-Ġestjoni, li jista' joħroġ opinjoni unanima dwar il-każ.

2. Il-Kumitat tal-Ġestjoni għandu jkun involut mill-qrib fi kwalunkwe proċeduri li għandhom jitlestew qabel il-ħatra tal-uffiċjali jew ħaddiema oħra għall-postijiet ta' Direttur Ġenerali (gradi AD16/AD15) u Direttur (gradi AD15/AD14) fl-Uffiċċju, speċjalment fl-abbozzar tal-avviżi għall-postijiet vakanti, l-eżaminar tal-applikazzjonijiet u l-ħatra tal-bordijiet tal-għażla għall-kompetizzjonijiet fir-rigward ta' dawk il-postijiet.

3. Is-setgħat tal-awtorità li taħtar u dawk tal-awtorità li jkollha s-setgħa li tikkonkludi kuntratti ta' impjieg għal uffiċjali u ħaddiema oħra tal-Uffiċċju għandhom ikunu eżerċitati mill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni tista' tiddelega ftit mis-setgħat tagħha fi ħdan il-Kummissjoni u lid-Direttur tal-Uffiċċju. Tali delega għandha ssir taħt l-istess kundizzjonijiet li japplikaw għad-Diretturi Ġenerali tal-Kummissjoni.

4. Soġġetti għall-paragrafu 2, id-dispożizzjonijiet u l-proċeduri adottati mill-Kummissjoni għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Kundizzjonijiet ta' Impjieg tal-Ħaddiema l-oħra tal-Komunitajiet Ewropej għandhom japplikaw għall-uffiċjali u l-ħaddiema l-oħra impjegati fl-Uffiċċju taħt l-istess kundizzjonijiet li japplikaw għall-uffiċjali u l-ħaddiema tal-Kummissjoni fil-Lussemburgu.

5. L-uffiċjali tal-istituzzjonijiet kollha għandhom jiġu informati bi kwalunkwe post vakanti fi ħdan l-Uffiċċju li għalih għandu jiġi pubblikat avviż ta' post disponibbli, hekk kif l-awtorità li taħtar jew l-awtorità li jkollha s-setgħa li tikkonkludi kuntratti ta' impjieg tiddeċiedi li timla dak il-post.

6. Id-Direttur tal-Uffiċċju għandu jirrapporta lill-Kumitat tal-Ġestjoni dwar il-ġestjoni tal-persunal tliet darbiet fis-sena.

*Artikolu 11*

**Aspetti finanzjarji**

1. L-approprjazzjonijiet allokati lill-Uffiċċju, li l-ammont totali tagħhom għandu jiġi muri taħt intestatura separata fit-taqsima tal-baġit relatat mal-Kummissjoni, għandhom ikunu stabbiliti fid-dettal f'anness ma' dik it-taqsima. Dan l-Anness għandu jkun fil-forma ta' dikjarazzjoni tad-dħul u l-infiq, subdiviża bl-istess mod bħat-taqsimiet tal-baġit.

2. Il-pjan ta' stabbiliment tal-Uffiċċju għandu jkun stabbilit f'anness mal-pjan ta' stabbiliment tal-Kummissjoni.

3. Kull istituzzjoni għandha tkun l-uffiċjal awtorizzanti għall-approprjazzjonijiet relevanti taħt l-intestatura "infiq għall-pubblikazzjoni" tal-baġit tagħha.

4. Kull istutuzzjoni tista' tiddelega l-poteri tal-uffiċjal ta' awtorizzazzjoni lid-direttur tal-Uffiċċju għall-ġestjoni ta' approprjazzjonijiet imdaħħla fit-taqsima tiegħu, u għandha tiffissa l-limiti u l-kondizzjonijiet għal din id-delega ta' poteri f'konformità mar-Regolament Finanzjarju. Id-Direttur tal-Uffiċċju għandu jinforma lill-Kumitat tal-Ġestjoni b'tali delega ta' setgħat kull tliet xhur.

5. Il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tal-Uffiċċju, inkluża l-ġestjoni tal-approprjazzjonijiet assenjati mill-istituzzjonijiet minbarra l-Kummissjoni, għandha titmexxa skont ir-Regolament Finanzjarju u d-dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni tiegħu u l-qafas finanzjarju fis-seħħ fil-Kummissjoni.

6. Il-kontijiet tal-Uffiċċju għandhom jiġu stabbiliti skont ir-regoli u l-metodi tal-kontabilità approvati mill-Uffiċjal tal-Kontabilità tal-Kummissjoni. L-Uffiċċju għandu jżomm kontijiet separati għall-bejgħ tal-Ġurnal Uffiċjali u l-pubblikazzjonijiet. Id-dħul nett mill-bejgħ għandu jiġi mgħoddi lill-istituzzjonijiet.

*Artikolu 12*

**Kontroll**

1. Il-funzjoni tal-awditur intern għandha titwettaq fl-Uffiċċju mill-awditur intern tal-Kummissjoni, skont ir-Regolament Finanzjarju. L-Uffiċċju għandu jistabbilixxi struttura ta' verifika interna, b'arranġamenti simili għal dawk previsti għad-Direttorati Ġenerali u d-dipartimenti tal-Kummissjoni. L-istituzzjonijiet jistgħu jitolbu lid-Direttur tal-Uffiċċju sabiex jinkludi verifiki speċifiċi fil-programm ta' ħidma tal-istruttura tal-verifika interna tal-Uffiċċju.

2. L-Uffiċċju għandu jwieġeb kull mistoqsija li taqa' taħt il-kompetenza tiegħu fil-qafas tal-funzjonijiet tal-Uffiċċju Ewropew tal-Ġlieda kontra l-Frodi (OLAF). Sabiex ikunu żgurati l-interessi tal-Unjoni Ewropea, għandu jitfassal ftehim li jistabbilixxi l-modalitajiet tal-informazzjoni reċiproka bejn il-President tal-Kumitat tal-Ġestjoni u d-Direttur tal-OLAF.

*Artikolu 13*

**Ilmenti u talbiet**

1. Fil-limiti tal-kompetenza tiegħu, l-Uffiċċju għandu jkun responsabbli sabiex iwieġeb il-mistoqsijiet tal-Ombudsman Ewropew u tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.

2. Kwalunkwe azzjoni legali fl-oqsma ta' kompetenza tal-Uffiċċju għandhom jitressqu kontra l-Kummissjoni.

*Artikolu 14*

**Aċċess pubbliku għad-dokumenti**

1. Id-Direttur tal-Uffiċċju għandu jieħu d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni ([1]). Fejn applikazzjonijiet jiġu miċħuda, id-deċiżjonijiet fuq applikazzjonijiet konfermatorji għandhom jittieħdu mis-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni.

2. L-Uffiċċju għandu jżomm reġistru tad-dokumenti skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

*Artikolu 15*

**Tħassir**

Id-Deċiżjoni 2000/459/KE, KEFA, Euratom hija b'dan mħassra.

Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jitqiesu bħala referenzi magħmula għal din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 16*

**Effett**

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell u fil-Lussemburgu, is-26 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Parlament Ewropew*
*Il-President*
H.-G. PÖTTERING

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
K. SCHWARZENBERG

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
J. M. BARROSO

*Għall-Qorti tal-Ġustizzja*
*Il-President*
V. SKOURIS

*Għall-Qorti tal-Awdituri*
*Il-President*
V. M. SILVA CALDEIRA

*Għall-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*
*Il-President*
M. SEPI

*Għall-Kumitat tar-Reġjuni*
*Il-President*
L. VAN DEN BRANDE

([1]) ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.

# TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-KE

## DEĊIŻJONI Nru 1/2009 TAL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-KE

## tad-29 ta’ Mejju 2009

## biex jiġu adottati emendi għall-Anness II tal-Ftehim ta’ Sħubija

(2009/497/KE)

IL-KUNSILL TAL-MINISTRI AKP-KE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta’ Sħubija bejn il-membri tal-Grupp ta’ Stati Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (minn hawn ‘il quddiem imsejħin “l-AKP”) minn naħa waħda, u l-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-oħra, iffirmat f’Kotonù (Benin) fit-23 ta’ Ġunju 2000 u rivedut fil-Lussemburgu fil-25 ta’ Ġunju 2005 (minn hawn ‘il quddiem imsejjaħ “il-Ftehim ta’ Sħubija AKP-KE”) ([1]), u b’mod partikolari l-Artikoli 15(3) u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat AKP-KE ta’ Kooperazzjoni għall-Finanzjament tal-Iżvilupp,

Billi:

(1) Sabiex jiġi ffaċiltat is-self tiegħu tar-riżorsi proprji lill-pajjiżi l-aktar foqra tal-AKP fil-qafas tal-Pajjiżi Foqra bi Djun Kbar (HIPC) u inizjattivi oħra dwar is-sostenibbiltà tad-dejn maqbula fuq livell internazzjonali, il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) jipproponi li jiġi modifikat l-Anness II tal-Ftehim ta’ Sħubija AKP-KE.

(2) Il-koerenza tal-politika bejn is-self mir-riżorsi proprji tal-BEI u l-inizjattiva tal-HIPC teħtieġ flessibilità akbar, sabiex tissodisfa l-kondizzjonijiet maqbula fuq livell internazzjonali jew kondizzjonijiet simili tal-HIPC dwar is-sostenibbiltà tad-dejn u partikolarment fir-rigward tas-sussidji fuq ir-rati tal-imgħax.

(3) Tali dispożizzjoni diġà teżisti għar-riżorsi ġestiti mill-BEI fil-kuntest tal-Faċilità tal-Investiment, f’konformità mal-Artikolu 2 tal-Anness II tal-Ftehim ta’ Sħubija AKP-KE.

(4) L-għan tal-paragrafi l-ġodda fl-Artikolu 1 tal-Anness II tal-Ftehim ta’ Sħubija AKP-KE huwa sabiex jiġu applikati kondizzjonijiet uniformi kemm għar-riżorsi proprji tal-BEI kif ukoll għall-Faċilitajiet tal-Investiment.

(5) L-għan tat-test il-ġdid għall-Artikoli 1, 2 u 4 tal-Anness II tal-Ftehim ta’ Sħubija AKP-KE huwa li jiġu allinjati r-riżorsi proprji tal-BEI u d-dispożizzjonijiet tal-Faċilità tal-Investiment fil-qafas tal-HIPC.

(6) Għalhekk huwa adatt li l-Anness II tal-Ftehim ta’ Sħubija AKP-KE jiġi emendat kif meħtieġ,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu Uniku*

L-Anness II tal-Ftehim ta’ Sħubija AKP-KE huwa b’dan emendat kif ġej:

1. fl-Artikolu 1, l-ewwel subparagrafu huwa enumerat (1) u l-paragrafi (2), (3) u (4) li ġejjin huma mdaħħla:

“2. Il-Fondi għas-sussidji fuq ir-rati tal-imgħax, kif previst f’dan l-Anness, ser isiru disponibbli mill-allokazzjoni tas-sussidju fuq l-imgħax speċifikata fl-Anness 1b paragrafu 2(c).

3. Is-sussidji fuq l-imgħax jistgħu jiġu kapitalizzati jew jistgħu jintużaw fil-forma ta’ għotjiet. L-ammont tas-sussidju fuq ir-rata tal-imgħax ikkalkolat f’termini tal-valur tiegħu fiż-żminijiet tal-ħruġ tas-self, għandu jiġi mħallas kontra l-allokazzjoni tas-sussidju fuq l-imgħax speċifikata fl-Anness Ib paragrafu 2(c), u jitħallas direttament lill-Bank. Sa 10 % ta’ din l-allokazzjoni għas-sussidji fuq ir-rati tal-imgħax jistgħu jintużaw ukoll sabiex jappoġġaw għajnuna teknika relatata ma’ proġetti f’pajjiżi AKP.

([1]) ĠU L 287, 28.10.2005, p. 4.

4. Dawn it-termini u l-kundizzjonjiet huma bla ħsara għat-termini u l-kondizzjonjiet li jistgħu jiġu imposti fuq il-pajjiżi tal-AKP suġġetti għal kondizzjonjiet ta' self restrittivi taħt il-Pajjiżi Foqra bi Djun Kbar ('HIPC') jew xi ofqsa oħra dwar is-sostenibbiltà tad-dejn maqbula fuq livell internazzjonali. Għaldaqstant, meta dawn l-oqfsa jeħtieġu tnaqqis fir-rata tal-imgħax fuq is-self b'iktar minn 3 %, kif sanzjonat taħt l-Artikoli 2 u 4 ta' dan il-Kapitolu, il-Bank għandu jfittex li jirriduċi l-ispiża medja tal-fondi permezz ta' kofinanzjament adegwat ma' donaturi oħrajn. Jekk dan ma jkunx ikkunsidrat possibbli, ir-rata tal-imgħax tas-Self bankarju tista' titnaqqas b'dak l-ammont kif meħtieġ biex ikun konformi mal-livell li joħroġ mill-inizjattiva HIPC jew minn qafas ieħor ta' dejn sostenibbli maqbul fuq livell internazzjonali.";

2. fl-Artikolu 2, it-test tal-paragrafu (7) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"7. Self ordinarju f'pajjiżi li mhumiex suġġetti għal kondizzjonjiet ta' self ristrettivi taħt il-HIPC jew xi oqfsa oħrajn ta' dejn sostenibbli maqbula fuq livell internazzjonali jista' jiġi estiż fuq termini u kondizzjonjiet konċessjonali fil-każijiet li ġejjin:

(a) għal proġetti ta' infrastruttura, li huma prerekwiżit għall-iżvilupp tas-settur privat fil-Pajjiżi l-Anqas Żviluppati, f'pajjiżi li għadhom kemm ħarġu minn kunflitt u f'pajjiżi li għadhom kemm kellhom diżastru naturali. F'dawn il-każijiet, ir-rata tal-imgħax fuq is-self ser titnaqqas sa massimu ta' 3 %;

(b) għal proġetti li jinvolvu operazzjonijiet ta' ristrutturar fil-qafas ta' privatizzazzjoni jew għal proġetti b'benefiċċji soċjali jew ambjentali sostanzjali u dimostrabbli b'mod ċar. F'dawn il-każijiet, is-self jista' jiġi estiż b'sussidju fuq ir-rata tal-imgħax, li l-ammont u l-għamla tiegħu ser jiġu deċiżi skont il-karatteristiċi partikolari tal-proġett. Madanakollu, is-sussidju fuq ir-rati tal-imgħax m'għandux ikun ta' aktar minn 3 %.

Ir-rata finali ta' self li jaqa' taħt (a) jew (b) m'għandha, fi kwalunkwe każ, qatt tkun inqas minn 50 % tar-rata ta' referenza.";

3. fl-Artikolu 4, it-test tal-paragrafu (2) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"2. Self mir-riżorsi proprji tal-Bank għandu jingħata skont it-termini u l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ir-rata tal-imgħax ta' referenza għandha tkun ir-rata applikata mill-Bank għal self bl-istess kondizzjonijiet rigward il-munita u l-perijodu tal-ħlas fid-data tal-firma tal-kuntratt jew fid-data tal-forniment tal-finanzi;

(b) madanakollu, għal pajjiżi li mhumiex suġġetti għal kondizzjonjiet ta' self ristrettivi taħt il-HIPC jew minn xi oqfsa oħrajn ta' dejn sostenibbli maqbula fuq livell internazzjonali:

(i) fil-prinċipju, il-proġetti tas-settur pubbliku għandhom ikunu eliġibbli għal sussidju fuq ir-rata tal-imgħax sa massimu ta' 3 %;

(ii) il-proġetti tas-settur privat li jidħlu fil-kategoriji speċifikati fl-Artikolu 2 (7)(b) għandhom ikunu eliġibbli għal sussidji fuq ir-rati tal-imgħax bl-istess termini speċifikati f'dik id-dispożizzjoni.

Ir-rata tal-imgħax finali m'għandhiex, f'kull każ bħal dan, tkun anqas minn 50 % tar-rata ta' referenza.

(c) il-perijodu tal-ħlas tas-self magħmul mill-Bank mir-riżorsi proprji tiegħu għandu jkun determinat fuq il-bażi tal-karatteristċi ekonomiċi u finanzjarji tal-proġett. Dan is-self għandu normalment jikkomprendi perijodu ta' grazzja stabbilit b'referenza għall-perijodu ta' kostruzzjoni tal-proġett."

Magħmul fi Brussell, id-29 ta' Mejju 2009

*Għall-Kunsill tal-Ministri AKP-KE*

*Il-President*

William HAOMAE

# RAKKOMANDAZZJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-23 ta' Ġunju 2009**

**dwar metadejta ta' referenza għas-Sistema Ewropea tal-Istatistika**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/498/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 211 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Kodiċi ta' Prassi tal-Istatistika Ewropea [1], maħsuba għall-awtoritajiet Komunitarji u nazzjonali tal-istatistika telenka 15-il prinċipju relatati mal-ambjent istituzzjonali, mal-proċessi tal-istatistika u mar-riżultati tal-istatistika.

(2) Il-prinċipju 15 tal-Kodiċi ta' Prassi tal-Istatistika Ewropea jittratta l-aċċessibbiltà u ċ-ċarezza tal-Istatistika Ewropea, filwaqt li jenfasizza wkoll li l-metadejta li jkun hemm magħha għandha tkun iddokumentata skont sistema ta' metadejta standardizzata.

(3) Il-metadejta ta' referenza hija parti integrali tas-sistema ta' metadejta ta' kull awtorità tal-istatistika,

(4) Bl-adozzjoni tal-Kodiċi ta' Prassi tal-Istatistika Ewropea l-awtoritajiet Komunitarji u nazzjonali tal-istatistika ntrabtu li jiżguraw statistika ta' kwalità għolja u dan jeħtieġ ukoll rappurtar aktar trasparenti u armonizzat dwar il-kwalità tad-dejta.

(5) Fil-qafas tal-inizjattiva SDMX dwar standards tekniċi u tal-istatistika komuni mnedija mill-Bank għas-Saldi Internazzjonali, il-Bank Ċentrali Ewropew, l-awtorità Komunitarja tal-istatistika (Eurostat), il-Fond Monetarju Internazzjonali, l-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku, in-Nazzjonijiet Uniti u l-Bank Dinji, ġew stabbiliti Linji Gwida SDMX Imsejsa fuq il-Kontenut li jsostnu l-ħolqien u l-implimentazzjoni ta' metadejta ta' referenza armonizzata fis-Sistema Ewropea tal-Istatistika.

(6) Jistgħu jsiru kisbiet konsiderevoli fl-effiċjenza meta l-metadejta ta' referenza tiġi prodotta fuq il-bażi ta' lista armonizzata ta' kunċetti ta' statistika fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Istatistika, filwaqt li fl-istess ħin l-awtoritajiet Komunitarji u nazzjonali tal-istatistika jistgħu jżidu aktar kunċetti ta' statistika f'oqsma partikolari tal-istatistika jekk ikun meħtieġ.

(7) Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea [2] jipprovdi qafas ta' referenza għal din ir-Rakkomandazzjoni.

B'DAN TIRRAKKOMANDA LILL-ISTATI MEMBRI:

(1) L-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika huma mistiedna japplikaw il-kunċetti u s-sottokunċetti elenkati fl-Anness meta l-metadejta ta' referenza tiġi kkumpilata fl-oqsma differenti tal-istatistika u meta l-metadejta ta' referenza tkun skambjata fi ħdan is-Sistema Ewropea tal-Istatistika u lil hinn.

(1) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tal-25 ta' Mejju 2005 dwar l-indipendenza, l-integrità u r-responsabbiltà tal-awtoritajiet tal-istatistika nazzjonali u Komunitarji, COM(2005) 217 finali.

(2) ĠU L 87, 31.3.2009, p. 164

(2) Kunċetti addizzjonali tal-istatistika għandhom jiżdiedu mill-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika mal-lista ta' kunċetti u sottokunċetti ta' hawn fuq, jekk dan ikun meħtieġ għal oqsma partikolari tal-istatistika.

(3) L-awtoritajiet nazzjonali tal-istatistika huma mistiedna jgħarrfu regolarment lill-Kummissjoni (Eurostat) dwar l-applikazzjoni tagħhom tal-kunċetti u s-sottokunċetti elenkati fl-Anness.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Joaquín ALMUNIA

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Lista ta' kunċetti u sottokunċetti tal-istatistika (inklużi d-definizzjonijiet tal-kunċetti u s-sottokunċetti)**

| Numru | Kunċetti | Sottokunċetti | Deskrizzjonijiet |
|---|---|---|---|
| 1 | Kuntatt | | Punti ta' kuntatt individwali jew organizzattivi għad-dejta jew metadejta, inkluż tagħrif dwar kif wieħed jagħmel kuntatt. |
| 1.1 | | Organizzazzjoni ta' kuntatt | L-isem tal-organizzazzjoni tal-punti ta' kuntatt għad-dejta jew metadejta. |
| 1.2 | | Unità tal-organizzazzjoni ta' kuntatt | Subdiviżjoni ta' organizazzjoni li tista' tiġi indirizzata |
| 1.3 | | Isem ta' kuntatt | L-isem tal-punti ta' kuntatt għad-dejta jew metadejta. |
| 1.4 | | Il-funzjoni tal-persuna ta' kuntatt | Il-qasam ta' responsabbiltà teknika tal-persuna ta' kuntatt, bħall-"metodoloġija", "immaniġġjar tal-bażi ta' dejta", jew "tixrid". |
| 1.5 | | Indirizz postali ta' kuntatt | L-indirizz postali tal-punti ta' kuntatt għad-dejta jew metadejta. |
| 1.6 | | Indirizz elettroniku ta' kuntatt | L-indirizz elettroniku tal-punti ta' kuntatt għad-dejta jew metadejta. |
| 1.7 | | Numru tat-telefon ta' kuntatt | In-numru tat-telefon tal-punti ta' kuntatt għad-dejta jew metadejta. |
| 1.8 | | Numru tal-faks ta' kuntatt | In-numru tal-faks tal-punti ta' kuntatt għad-dejta jew metadejta. |
| 2 | Aġġornament tal-metadejta | | Id-data li fiha l-element tal-metadejta ddaħħal jew ġie modifikat fil-bażi ta' dejta. |
| 2.1 | | Metadejta ċċertifikata l-aħħar | Id-data tal-aħħar ċertifikazzjoni mogħtija mill-maniġer tad-domain biex jikkonferma li l-metadejta mdaħħla għadha aġġornata, anki jekk il-kontenut ma ġiex emendat. |
| 2.2 | | Metadejta mdaħħla l-aħħar | Id-data tal-aħħar tixrid tal-metadejta. |
| 2.3 | | Metadejta aġġornata l-aħħar | Id-data tal-aħħar aġġornament tal-kontenut tal-metadejta. |
| 3 | Preżentazzjoni tal-istatistika | | |
| 3.1 | | Deskrizzjoni tad-dejta | Karatteristiċi ewlenin tas-sett ta' dejta deskritti b'mod li jinftiehmu faċilment, li jirreferu għad-dejta u l-indikaturi mxerrda. |
| 3.2 | | Sistema ta' klassifikazzjoni | Arranġament jew diviżjoni ta' oġġetti fi gruppi msejsa fuq karatteristiċi li l-oġġetti għandhom komuni bejniethom. |
| 3.3 | | Kopertura tas-settur | Setturi ekonomiċi ewlenin jew setturi oħra koperti mill-istatistika |
| 3.4 | | Kunċetti u definizzjonijiet tal-istatistika | Karatteristiċi tal-istatistika ta' osservazzjonijiet tal-istatistika. |
| 3.5 | | Unità tal-istatistika | Entità li għaliha jintalab it-tagħrif u li għaliha l-istatistika hija finalment ikkumpilata. |
| 3.6 | | Popolazzjoni tal-istatistika | It-total ta' sħubija jew popolazzjoni jew "univers" ta' klassi definita ta' persuni, oġġetti jew avvenimenti. |

| Numru | Kunċetti | Sottokunċetti | Deskrizzjonijiet |
|---|---|---|---|
| 3.7 | | Żona ta' referenza | Il-pajjiż jew iż-żona ġeografika li magħha huwa relatat il-fenomenu mkejjel fl-istatistika. |
| 3.8 | | Kopertura ta' żmien | It-tul ta' żmien li għalih id-dejta hija disponibbli. |
| 3.9 | | Perjodu bażi | Il-perjodu ta' żmien użat bħala bażi ta' numru tal-indiċi, jew li għalih tirreferi serje kostanti. |
| 4 | Unità ta' kejl | | L-unità li fiha jitkejlu l-valuri tad-dejta. |
| 5 | Perjodu ta' referenza | | Il-perjodu ta' żmien jew il-waqt li għalih hi maħsuba li tirreferi l-osservazzjoni. |
| 6 | Mandat Istituzzjonali | | Sett ta' regoli jew sett formali ieħor ta' istruzzjonijiet li jassenjaw ir-responsabbiltà kif ukoll l-awtorità lil organizzazzjoni għall-ġbir, l-ipproċessar, u t-tixrid tal-istatistika. |
| 6.1 | | Atti legali u ftehimiet oħra | Atti legali jew ftehimiet formali jew informali oħra li jassenjaw ir-responsabbiltà kif ukoll l-awtorità lil aġenzija għall-ġbir, l-ipproċessar, u t-tixrid tal-istatistika. |
| 6.2 | | Qsim ta' dejta | Arranġamenti jew proċeduri għall-qsim ta' dejta u l-koordinazzjoni bejn l-aġenziji li jipproduċu d-dejta. |
| 7 | Kunfidenzjalità | | Proprjetà ta' dejta li tindika safejn l-iżvelar mhux awtorizzat tagħha jista' jkun preġudizzjali jew ta' ħsara għall-interess tas-sors jew partijiet rilevanti oħra. |
| 7.1 | | Kunfidenzjalità - politika | Miżuri leġiżlattivi jew proċeduri formali oħra li jżommu milli tiġi żvelata b'mod mhux awtorizzat dejta li tidentifika persuna jew entità ekonomika kemm direttament kif ukoll indirettament. |
| 7.2 | | Kunfidenzjalità – trattament tad-dejta | Ir-regoli applikati għat-trattament tas-sett ta' dejta biex jiżguraw il-kunfidenzjalità tal-istatistika u jżommu milli tiġi żvelata b'mod mhux awtorizzat. |
| 8 | Politika ta' rilaxx | | Regoli għat-tixrid ta' dejta tal-istatistika lil partijiet interessati. |
| 8.1 | | Kalendarju ta' rilaxx | L-iskeda ta' dati ta' ħruġ tal-istatistika. |
| 8.2 | | Aċċess għall-kalendarju ta' rilaxx | Aċċess għat-tagħrif tal-kalendarju ta' rilaxx |
| 8.3 | | Aċċess tal-utent | Il-politika għall-ħruġ tad-dejta lill-utenti, l-iskop tat-tixrid (eż. lill-pubbliku, lil utenti magħżula), kif l-utenti jiġu mgħarrfa li d-dejta qed tinħareġ, u jekk il-politika tiddetermina t-tixrid tad-dejta tal-istatistika lill-utenti kollha. |
| 9 | Frekwenza tat-tixrid | | L-intervall taż-żmien li fih l-istatistika tinxtered matul perjodu ta' żmien speċifiku. |
| 10 | Format tat-tixrid | | Il-media li permezz tagħha jinxterdu d-dejta u l-metadejta tal-istatistika. |
| 10.1 | | Stqarrija għall-aħbarijiet | Stqarrijiet għall-istampa regolari jew *ad hoc* marbuta mad-dejta. |
| 10.2 | | Pubblikazzjonijiet | Pubblikazzjonijiet regolari jew *ad hoc* li fihom id-dejta tkun disponibbli għall-pubbliku. |
| 10.3 | | Bażi ta' dejta onlajn | Tagħrif dwar bażijiet ta' dejta onlajn li fihom tista' tiddaħħal id-dejta mxerrda. |

| Numru | Kunċetti | Sottokunċetti | Deskrizzjonijiet |
|---|---|---|---|
| 10.4 | | Aċċess ta' mikrodejta | Tagħrif dwar jekk isirx ukoll tixrid ta' mikrodejta. |
| 10.5 | | Oħrajn | Referenzi għat-tixrid li sar ta' dejta oħra l-aktar importanti. |
| 11 | Aċċessibbiltà tad-dokumentazzjoni | | |
| 11.1 | | Dokumentazzjoni dwar il-metodoloġija | Test deskrittiv u referenzi għal dokumenti metodoloġiċi disponibbli. |
| 11.2 | | Dokumentazzjoni ta' kwalità | Dokumentazzjoni dwar proċeduri applikati għall-ġestjoni tal-kwalità u għall-evalwazzjoni tal-kwalità. |
| 12 | Ġestjoni tal-Kwalità | | Sistemi u oqfsa fis-seħħ fi ħdan organizzazzjoni biex tkun ġestita l-kwalità tal-prodotti u l-proċessi tal-istatistika. |
| 12.1 | | Assigurazzjoni ta' kwalità | L-attivitajiet sistematiċi kollha implimentati li jistgħu jintwerew li jipprovdu fiduċja li l-proċessi se jissodisfaw ir-rekwiżiti għar-riżultati tal-istatistika. |
| 12.2 | | Evalwazzjoni tal-kwalità | Evalwazzjoni globali tal-kwalità tad-dejta, imsejsa fuq kriterji ta' kwalità standard. |
| 13 | Rilevanza | | Il-grad li fih l-istatistika tissodisfa l-ħtiġijiet attwali u potenzjali tal-utenti. |
| 13.1 | | Ħtiġijiet tal-utenti | Deskrizzjoni tal-utenti u l-ħtiġijiet rispettivi tagħhom fir-rigward tad-dejta tal-istatistika. |
| 13.2 | | Sodisfazzjon tal-utenti | Miżuri biex jiġi determinat is-sodisfazzjon tal-utenti. |
| 13.3 | | Kompletezza | Il-limitu safejn l-istatistika kollha meħtieġa hija disponibbli. |
| 14 | Preċiżjoni u affidabilità | | Eżattezza: l-approssimazzjoni tal-komputazzjonijiet jew l-estimi mal-valuri eżatti jew reali li l-istatistika kienet maħsuba li tkejjel.<br>Affidabilità: l-approssimazzjoni tal-valur stmat inizjali mal-valur stmat sussegwenti. |
| 14.1 | | Eżattezza globali | Evalwazzjoni ta' eżattezza, marbuta ma' ċertu sett jew sfera ta' dejta, li tiġbor fil-qosor il-komponenti varji. |
| 14.2 | | Żball fit-teħid ta' kampjuni | Dik il-parti tad-differenza bejn valur ta' popolazzjoni u stima tiegħu, li ġejja minn kampjun każwali, li hi dovuta għall-fatt li subsett biss tal-popolazzjoni huwa elenkat. |
| 14.3 | | Żball mhux fit-teħid tal-kampjuni | Żball fl-istimi ta' stħarriġ li ma jistax jiġi attribwit għal varjazzjoni fit-teħid ta' kampjuni. |
| 15 | Tempestività u puntwalità | | |
| 15.1 | | Tempestività | Tul ta' żmien bejn id-disponibbiltà tad-dejta u l-avveniment jew il-fenomenu li tiddeskrivi. |
| 15.2 | | Puntwalità | L-intervall ta' żmien bejn il-preżentazzjoni attwali tad-dejta u d-data stabbilita meta suppost saret il-preżentazzjoni. |

| Numru | Kunċetti | Sottokunċetti | Deskrizzjonijiet |
|---|---|---|---|
| 16 | Komparabbiltà | | It-tkejjil tal-impatt tad-differenzi fil-kunċetti tal-istatistika, l-għodod u l-proċeduri tal-kejl applikati fejn l-istatistika titqabbel bejn iż-żoni ġeografiċi jew matul iż-żmien. |
| 16.1 | | Komparabbiltà - ġeografika | Il-limitu safejn l-istatistika hija komparabbli bejn iż-żoni ġeografiċi. |
| 16.2 | | Komparabbiltà tul iż-żmien | Il-limitu safejn l-istatistika hija komparabbli jew rikonċiljabbli tul iż-żmien. |
| 17 | Koerenza | | Il-kapaċità tal-istatistika li tiġi amalgamata b'mod affidabbli f'modi differenti u għal użi varji. |
| 17.1 | | Koerenza – sfera trażversali | Il-limitu safejn l-istatistika hija rikonċiljabbli ma' dik miksuba permezz ta' sorsi ta' dejta jew sferi tal-istatistika oħrajn. |
| 17.2 | | Koerenza - interna | Il-limitu safejn l-istatistika hija konsistenti fi ħdan sett speċifiku ta' dejta. |
| 18 | Spejjeż u piż | | L-ispejjeż marbuta mal-ġbir u l-produzzjoni tal-prodott tal-istatistika u l-piż fuq dawk li jwieġbu. |
| 19 | Reviżjoni tad-dejta | | Kull bidla f'valur ta' statistika maħruġa għall-pubbliku. |
| 19.1 | | Reviżjoni tad-dejta - politika | Il-politika mmirata li tiżgura t-trasparenza tad-dejta mxerrda, li permezz tagħha d-dejta preliminari hija kkumpilata u li wara tiġi reveduta. |
| 19.2 | | Reviżjoni tad-dejta - prassi | Tagħrif dwar il-prassi ta' reviżjoni tad-dejta. |
| 20 | Ipproċessar tal-istatistika | | |
| 20.1 | | Dejta tas-sors | Karatteristiċi u komponenti tad-dejta tal-istatistika mhux ipproċessata użata għall-kompilazzjoni ta' aggregati tal-istatistika. |
| 20.2 | | Frekwenza tal-ġbir ta' dejta | Frekwenza li biha tinġabar id-dejta tas-sors. |
| 20.3 | | Ġbir ta' dejta | Proċess sistematiku tal-ġbir ta' dejta għal statistika uffiċjali. |
| 20.4 | | Validazzjoni tad-dejta | Proċess ta' monitoraġġ tar-riżultati tal-kompilazzjoni tad-dejta u tal-iżgurar tal-kwalità tar-riżultati tal-istatistika. |
| 20.5 | | Kompilazzjoni tad-dejta | Operazzjonijiet imwettqa fuq id-dejta biex jinkiseb tagħrif ġdid dwar sett speċifiku ta' regoli. |
| 20.6 | | Aġġustament | Is-sett ta' proċeduri mħaddma biex tkun modifikata dejta tal-istatistika sabiex din tikkonforma mal-istandards nazzjonali jew internazzjonali jew biex jiġu indirizzati differenzi fil-kwalità tad-dejta meta jiġu kkumpilati settijiet speċifiċi ta' dejta. |
| 21 | Kumment | | Test deskrittiv supplimentari li jista' jiġi mehmuż mad-dejta jew metadejta. |

**Tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE**

2009/497/KE:

★ **Deċiżjoni Nru 1/2009 tal-Kunsill tal-Ministri AKP-KE tad-29 ta' Mejju 2009 biex jiġu adottati emendi għall-Anness II tal-Ftehim ta' Sħubija** ..... 48

RAKKOMANDAZZJONIJIET

**Il-Kummissjoni**

2009/498/KE:

★ **Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Ġunju 2009 dwar metadejta ta' referenza għas-Sistema Ewropea tal-Istatistika** ([1]) ..... 50

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena (= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

| | | |
|---|---|---|
| (*) Il-prezz kull kopja: | bi 32 paġna: | 6 EUR |
| | minn 33 sa 64 paġna: | 12 EUR |
| | aktar minn 64 paġna: | Prezz fiss għal kull każ |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT